MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 366/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Said**
**Justin Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Said u Justin Said talli:

**(A) Joseph Said waħdu**

(a) fil-11 ta' Mejju 2007, ghall-habta tal-11.45 a.m. waqt li kien f'Mdina Road Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmelo Galea f'perikolu car, volontarjament ikkaguna ferita (offiza) ta' natura gravi fuq l-istess persuna, liema ferita' tista' ggib mankament jew

sfregju jew debbulizza permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem (fil-wicc) skond kif iccertifikaw Dr Moira Grech M.D. u Dr John Grech Hardie (Ophthalmologist) gewwa l-Isptar San Luqa;

**(B) Joseph Said u Justin Said flimkien ma' persuni mhux maghrufa**

(b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq Carmelo Galea;

(ċ) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li l-ammont huwa ta' aktar minn Lm50 ghad-detriment tal-istess Carmelo Galea u Pada Builders Company Limited;

(d) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghall-imsemmi Carmelo Galea sabiex jingurjawh, idejjquh u jaghmlulu hsara;

(e) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddbu oggetti iebsin fid-direzzjoni tal-imsemmi Carmelo Galea, heddewh bil-kliem, qalu kliem oxxen u indicenti li jikkonsistu f'dagha fil-pubbliku;

(f) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Carmelo Galea skond kif indikat fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, (A) wara li rat fil-konfront ta' Joseph Said l-artikoli 17(b), 28A, 216(1)(b), 221(1), 325(1)(c), 339(1)(d), 339(1)(b), 339(1)(e), 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Said hati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni izda sa ammont ta' Lm40 – reat li huwa kompriz u involut fit-tielet imputazzjoni – u lliberatu mill-

imputazzjonijiet (d), (e) u (f) minhabba li dawn huma preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap. 9, u kkundannatu sena prigunerija sospiza ghal erba' snin; (B) u wara li rat fil-konfront ta' Justin Said l-artikoli 28A, 221(1), 325(1)(c), 339(1)(d), 339(1)(b), 339(1)(e), 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Justin Said hati tat-tieni imputazzjoni, illiberatu mit-tielet imputazzjoni ghax ma kienx hemm provi u lliberatu mill-imputazzjonijiet (d), (e) u (f) minhabba li dawn huma preskritti ai termini ta' l-artikoli 688(f) tal-Kap. 9, u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' tliet xhur sospizi ghal sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Said u Justin Said ipprezentat fid-9 ta' Awwissu 2010 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti (a) fil-konfront ta' l-appellant Joseph Said, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberatu mir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni, u fejn sabitu hati tat-tieni mputazzjoni, thassar u tirrevoka l-istess sentenza fejn sabitu hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet, jew sussidjarjament u minghajr hsara ghall-premess fil-kaz illi ssib li hemm lok li tigi konfermata l-htija tapplika piena diversa minn dik gja inflitta; u (b) fil-konfront ta' l-appellant Justin Said, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni dedotti kontrih, thassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabitu hati tat-tieni mputazzjoni, u ghalhekk tilliberah minnha, jew sussidjarjament u minghajr hsara ghall-premess fil-kaz illi ssib li hemm lok li tigi konfermata l-htija tapplika piena diversa minn dik li giet inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-appellant Joseph Said peress illi l-appellant Justin Said irtira l-appell tieghu u l-Qorti

astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-appell fil-konfront ta’ l-imsemmi Justin Said.

L-aggravji ta’ l-appellant Joseph Said huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma kellhiex bazi skond il-provi biex tikkonkludi li kienet giet kagunata offiza gravi konsistenti fi sfregju fil-wicc; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni minghajr ebda attenwanti.

Dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ikkonkludiet. Issa, b'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jirreferi ghax-xiehda ta' Dr. John Grech Hardie fis-sens li l-offizi li ssubixxa Carmelo Galea kienu *"of a non-grievous nature"*. Jghid illi jirrizulta wkoll li Carmelo Galea kellu *"an artificial eye"* sa minn qabel l-incident, u l-hmura li tidher hdejn l-ghajn tal-hgieg skond ir-ritratti li gie allegat li ttiehdu dakinhar ta' l-incident giet deskritta mill-istess tabib bhala li *"the conjunctional socket appeared slightly inflamed"*. Ghalhekk, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda bazi biex tikkonkludi li kienet giet kagunata offiza ta' natura gravi.

Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza. U huwa proprju dan li jidher li ghamlet l-ewwel qorti.

Mis-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li Carmelo Galea kellu sfregju fil-wicc. Hija rreferiet ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Settembru 1996 u kkonkludiet li mir-ritratti, minn dak li xehed Dr. Grech Hardie u minn dak li xehed Carmelo Galea nnifsu jirrizulta li dan Carmelo Galea "kellu hmura sewwa hdejn ghajnejh tal-hgieg u kellhom isirulu xi punti", u li "dan ma jammontax ghal mankament izda ghal sfregju fil-wicc u bl-ebda mod ma jista' jitqies offiza ta' natura hafifa." Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiddipartixxi minn din il-konkluzjoni. Effettivament, harsa lejn ir-ritratti esebiti (Dok.

CG1 a fol. 44) turi li l-vittma kellu kemm nefha kif ukoll lacerazzjonijiet li sarulhom *butterfly stitches*. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn jikkostitwixxu sfregju ghall-finijiet ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhalma ntqal fil-kawza msemmija kif ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija v. Fortunato Sultana** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Frar 1998, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghall-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant Joseph Said ikompli jissottometti illi skond il-provi akkwiziti ma kienx il-kaz li jista' jigi deciz li jinstab hati dwar l-ewwel imputazzjoni minghajr attenwanti. Jghid li skond l-istqarrija tieghu u ta' Justin Said kif ukoll ix-xhieda taghhom, min gie iwahhal is-sinjali fuq il-bankina quddiem ix-*showroom* tieghu, intalab biex jekk jista' jkun iwahhalhom 'il hemm mill-bankina. Imkien ma jirrizulta negat li ghal din is-semplici rikjesta l-appellant Joseph Said gie mbuttat u mghajjar.

Din il-kwistjoni jidher li tqajjmet quddiem l-ewwel Qorti wkoll peress illi sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni "minghajr ebda attenwanti". Difatti dik il-Qorti qalet illi l-appellant ma kellu ebda ragun li jaqbad u jaghti d-daqqa lil Galea meta dan kien qieghed jimxi skond l-ordnijiet, u anke jekk Galea ghajjar lill-appellant "ballotra", "ma jfissirx li l-imputat kien gustifikat jew skuzat ghal dak li ghamel skond il-kriterji skedati fil-ligi."

Din il-Qorti ezaminat il-provi. Issa, skond l-appellant, meta hu talab lir-ragel li kien beda jhaffer bil-*jackhammer* biex it-tabella ma titwahhalx quddiem il-bieb tax-*showroom* tieghu, tfacca Carmelo Galea li beda jghajjru "ballotra" u jghidlu "mur 'il hemm" u ha l-*jackhammer* f'idejh u kompla jhaffer hu b'rasu 'l isfel. L-appellant jghid li hu tbaxxa u qallu "qed tismaghni biex tmexxiha metru 'l isfel?" Skond l-appellant, Galea mbuttah. Issa dwar dak li gara wara li

allegatament Galea mbuttah, l-appellant jaghti verzjonijiet differenti. Fl-istqarrija tieghu qal li wara li Galea mbuttah u laqtu fi spaltu, "Jien dak il-hin intlift u tajtu daqqa ta' ponn huwa rreagixxa u gie ghalija. Jien nahseb li ergajt tajtu xi daqqa pero` ma nafx fejn ilqattu." Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-ewwel qal li wara li Galea mbuttah, "jiena nahseb imbuttajtu lura, hux. U hu sab il-kurduna tal-bankina u tfixkel u gie dahru fuq il-kaxxa tat-trakk." Imbaghad qal: "Imbuttajtu hux. Ghamilt l-istess imbuttajtu wkoll u tajtu daqqa ta' ponn nahseb x'hin imbuttajtu, hux. Il-bqija m'ghamilt xejn aktar. Imbaghad inqalghu n-nies u ferrquna, hux." Jidher li meta l-appellant kien qieghed jixhed ipprova jaghmel *damage control exercise*, in vista ta' l-ammissjoni cara u inekwivoka fl-istqarrija tieghu tad-daqqa ta' ponn li kien ta lil Carmelo Galea. Difatti fl-istqarrija ma jghidx illi huwa mbotta lil Galea lura izda li tah daqqa ta' ponn.

Fil-verzjoni moghtija minn Carmelo Galea, dan jghid illi meta beda jwahhal it-tabella, l-appellant beda jghajjat, hu offrielu ha jgiblu l-permessi u l-appellant wiegbu li ma riedx jara permessi. Dak il-hin tfaccaw xi nies ohra, fosthom il-ko-imputat Justin Delia, l-appellant tah daqqa ta' ponn go ghajnejh il-leminija u kissirlu n-nuccali li kien liebes, imbaghad qabzu kollha fuqu. Dwar tghajjir u mbottar ma jghid xejn. Naturalment <u>jekk</u> verament ghajjar lill-appellant, ma kellu ebda dritt jaghmel dan. Fl-istess hin din ma kinitx raguni biex l-appellant jirreagixxi bi vjolenza. U <u>jekk</u> verament Galea mbotta lill-appellant, wiehed irid jara x'kienet ir-raguni u n-natura ta' l-imbottatura; wara kollox, minn dak li jghid l-appellant stess dwar l-allegata imbottatura, ma jidhirx li kienet intiza biex twegga' lill-appellant. Fil-fatt l-appellant ma jallega li sofra l-ebda offizi fuq il-persuna tieghu.

Konsegwentement l-ewwel Qorti setghet hawn ukoll tikkonkludi li ma kien jezisti ebda attenwant.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba ta' l-appellant li jigi dikjarat mhux hati tat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti tghid mill-ewwel li din it-talba ma tistax tigi milqugha. Permezz tat-tielet imputazzjoni huwa kien gie akkuzat bi ksur tal-

paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti pero` sabitu hati ta’ ksur tal-paragrafu (c) ta’ l-imsemmi subartikolu (1) ta’ l-artikolu 325, u dan ghax sabet illi kull ma rrizulta mill-provi kien il-ksur tan-nuccali ta’ Carmelo Galea meta l-appellant xejjirlu d-daqqa ta’ ponn. Minn ezami tal-provi li ghamlet din il-Qorti, issib li din il-konkluzjoni hi l-unika konkluzjoni li setghet tasal ghaliha l-ewwel Qorti.

Kwantu ghall-piena, m’hemm l-ebda dubju li din hi fil-parametri tal-ligi. Il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hi ta’ prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin, dik dwar it-tieni imputazzjoni hi ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa, filwaqt illi dik dwar it-tielet imputazzjoni hi ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn sitt xhur. Naturalment huwa applikabbli l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali li ghalih l-ewwel Qorti rreferiet ukoll. Kwindi l-piena ta’ sena prigunerija hi fil-parametri tal-ligi meta jitqies li setghet tigi nflitta piena massima ta’ tliet snin, erba’ xhur u hmistax-il gurnata. Din il-Qorti kemm-il darba rriteniet li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat. Fic-cirkostanzi tal-kaz, fejn l-ewwel Qorti sahansitra ssospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta’ prigunerija minnha nflitta, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena nflitta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta’ prigunerija jibda jiddekorri millum, u li l-perijodu ta’ l-obbligazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali jibda wkoll jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Provediment >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------